## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 143/2019: **ELMO INSURANCE LIMITED (C3500)** KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHA KEVIN SCIBERRAS **U KEVIN SCIBERRAS (ID. 350777M) V. ENEMALTA PLC**

(CULPA AQUILIANA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Novembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Elmo Insurance Limited u Kevin Sciberras (flimkien "ir-rikorrenti"), ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu talbu lil Enemalta plc ("l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") sabiex tgħid għaliex m'għandiex tkun ikkundannata mill-Qorti:

**Thallas is-somma komplessiva ta' tlettax-il elf erbgha u disghin ewro u ghaxar centezmi (€13,094.10) in kwantu ghal €12,979.10 lil Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal €115 lil Kevin Sciberras, rappresentanti danni subiti mill-atturi in segwitu ghal incident illi sehh fit-28 ta' April 2017 gewwa l-hanut bl-isem "McReef Aquadom", fi Triq il-Kapillan Mifsud, il-Hamrun, u dan konsegwenza ta' qtugh fil-provvista tal-elettriku supplita mis-socjeta' konvenuta, liema qtugh fil-provvista wassal sabiex zviluppa nar fl-imsemmi fond.**

**Isegwi ghalhekk li l-imsemmija socjeta' konvenuta Enemalta plc kienet tahti unikament ghal dan l-incident u ghad-danni hemmhekk subiti u dan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 2019, u bl-imghax legali b'effett mis-27 ta' Marzu 2019 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.**

wara li rat ir-risposta tal-intimata ippreżentata fit-13 ta' Awwissu 2019[1] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi fil-konfront tal-Enemalta plc huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ghall-hsara in kwistjoni l-Enemalta plc ma kellha l-ebda htija u ghaldaqstant l-akkadut mhuwiex attribwibli ghal xi nuqqasijiet tal-Enemalta plc.

Illi ghaldaqstant it-talbiet atturi fil-konfront tal-Enemalta plc ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

wara li semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha preżentati,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Alessia Zammit McKeon,
- tal-intimata, mill-Prokuratur Legali Dr. Christine Caruana Aquilina.

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. Fid-9 ta' Marzu 2020 xehed **<u>Jean Pierre Zammit</u>**[2], rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti. Huwa spjega illi r-rikorrent l-ieħor Kevin Sciberras kellu polza tal-assigurazzjoni magħrufha bħala Small & Medium Enterprises (SME) Insurance, li kienet tkoprih għall-istokk tal-ħanut u għall-affarijiet teknoloġiċi li kellu fih. Il-ħanut kien jismu Mc.Reef AquaDom u kien jinstab fil-fond numru 132, Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri lil Kevin Sciberras fil-perjodu 13 ta' Settembru 2016 sat-12 ta' Settembru 2017 (Dok JP1[3]). Ġara li fit-28 t'April 2017 seħħ inċident li l-kumpanija ġiet infurmata bih b'mod telefoniku mill-klijent stess li kien fuq il-post tal-inċident. L-għada, 29 ta' April 2017 il-kumpanija bagħtet lil ċertu Charlo Vella fuq il-post. Sadanittant il-klijent għamel rapport mal-pulizija (Dok JP2)[4]. Ix-xhud esebixxa ir-

[1] Fol 8
[2] Fol 12A-12E
[3] Fol 13-14
[4] Fol 15-17

ritratti li ħa Kevin Sciberras innifsu u li skond ix-xhud juru l-ħsarat estensivi u l-ħruq madwar il-*meter* tad-dawl (Dok JP3)[5]. Meta Vella mar fuq il-post tal-inċident il-*meter* kien diġa tneħħa u għalhekk ma' setax jarah. Il-klijent pero kien laħaq ħa ritratti u skond ix-xhud kien jidher li l-*meter* innifsu kien ħa n-nar. Il-kumpanija bagħtet ukoll lis-*surveyor* tagħha u din rat li fil-parti fejn kien hemm il-*meter* kien hemm daħna. Kien hemm ukoll ħsarat estensivi b'numru ta' ħut mejta u ammont kbir ta' nugrufun. Is-*surveyor* ġabret id-dokumenti relevanti mingħand il-klijent bħal fatturi fir-rigward tal-ħut, l-apparat li kien sofra l-ħsara u l-ispejjeż tat-tibjid.

Ix-xhud esebixxa numru ta' dokumenti oħra u ċioe il-*meter change form* tal-Enemalta li turi t-tibdil tal-*meter* fid-29 ta' April 2017 (Dok JP4[6]), il-*claim form* iffirmata minn Kevin Sciberras (Dok JP5[7]), kopja tal-fatturi mgħoddija mill-klijent (Dok JP6[8]), rapport minn C&D Security Systems rigward it-tibdil ta' żewġ *cameras* li nstabu difettużi b'kawża tal-*cables* li kienu dabu fin-nirien (Dok JP7[9]), elenku tad-danni sofferti mill-klijent ippreparat mill-kumpanija rikorrenti (Dok JP8[10]), kopja ta' *discharge and subrogation form* iffirmata mill-klijent fis-6 ta' April 2018 (Dok JP9[11]) u prova tal-ħlas li ġie effetwat lill-klijent fl-ammont ta' € 12,979.10 (Dok JP10[12]).

2. Is-*surveyor* **<u>Anna Maria Felice</u>** xehdet fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020[13] u spjegat illi hija marret waħedha fuq il-post tal-inċident l-għada tal-inċident waranofsinhar (29 ta' April 2017). Hija rat li kien hemm ħsarat estensivi fosthom ħut mejjet jew li kien qed imut u affarijiet tal-elettriku li ma' kienux qed jaħdmu. Il-*meter* tad-dawl ma' kienx f'postu. Hija rat in-nugrufun mal-ħajt fil-kantuniera fejn qabel kien imwaħħal il-*meter* liema post kien fl-entratura tal-ħanut. L-iswidija tan-nugrufun kienet konċentrata l-iżjed f'dan il-post fuq in-naħa tal-*meter* pero l-post kollu kien mimli nugrufun. Ix-xhud setgħet tara ħut mejjet fil-qiegħ tal-*aquariums* u spjegat illi kien hemm xi wħud li kienu diġa mormija mill-klijent peress illi kien bdew jintnu. Il-pompi tal-*aquariums* dehru bil-ħsara. Hija ħadet numru ta' ritratti ukoll għalkemm

[5] Fol 18-20
[6] Fol 21
[7] Fol 22-24
[8] Fol 25-108
[9] Fol 109
[10] Fol 110-118
[11] Fol 119
[12] Fol 120
[13] Fol 129A-129G

ma' jidhirx li dawn qatt ġew esebiti fl-atti. Il-post kellu bżonn ukoll it-tindif u r-riħa tal-ħruq kienet fil-post kollu. Hija kkonfermat li kienet irċeviet mingħand il-klijent ir-ritratti esebiti bħala Dok JP3 (a fol 18-20) u li ħafna minn dak li hemm fir-ritratti ratu b'għajnejha stess. Fir-rigward ta' kif il-kumpanija rikorrenti waslet għall-kalkoli tagħha tad-danni, ix-xhud spjegat illi hija staqsiet għal rapporti mit-*technicians* li kienu tal-fiduċja tal-klijent u għall-*invoices* tal-ħut li kien hemm ammont kbir tagħhom u li ma' kienux irħas. In kontroeżami xehdet illi peress illi l-ħut kienu ħut eżotiċi u li ma' ssibx bħalhom lokalment, dawn kienu jinxtraw mill-klient minn fuq l-*internet* u huwa għalhekk illi l-kumpanija straħet mhux ftit fuq numru ta' *quotations* minn fuq siti tal-internet li kien għaddilhom il-klijent. Ikkonferma ukoll illi hija setgħet tara b'għajnejha li l-maġġoranza tal-istock tal-ħut li kellu kien mejjet. Hija xehdet illi ħafna mill-*invoices* kellhom ritratti tal-ħuta li kien qed jixtri u għalhekk il-kumpanija setgħet tqabbilhom mar-ritratti li kellhom tal-ħut li kien jinsab fil-post tal-klijent. Hija talbet lill-klijent jtiha l-lista ta' ħut li kellu jordna sabiex jissostitwixxi dak il-ħut li kien miet. Finalment il-kumpanija straħet fuq il-klijent u fdatu għaliex kien diffiċli sabiex jsiru verifiki mod ieħor.

Ix-xhud ikkonferma ukoll illi mill-aħħar *stock* ta' ħut li kien ordna (qabel l-inċident) kienu ftit ħafna l-ħut li laħaq biegħ u l-i*stock* kien wieħed ġdid. Bħala ħsarat fl-apparat il-kumpanija straħet ukoll fuq l-istimi/rapporti li għaddielhom il-klijent. F'dan ir-rigward meta marret fuq il-post ma' kienx jidher li kien hemm ħafna apparat li kellu l-ħsara.

3. Ir-rikorrent **<u>Kevin Sciberras</u>** xehed permezz tal-affidavit tiegħu ppreżentat fid-29 ta' Lulju 2020[14] illi hu jopera n-negozju tal-ħut eżotiku, koralli u akwarja magħruf bħala MC Reef Aquadom mill-fond 132, Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun, u kien ilu jagħmel hekk għal ħames snin. Fuq l-inċident in kwistjoni spjega illi fis-27 ta' April 2017, li kienet ġurnata ta' xogħol normali, kien għalaq il-ħanut fis-7:00 pm. Minħabba l-ġeneru tax-xogħol bħal ma' jagħmel is-solut huwa ħalla l-provvista tal-elettriku mixgħula minħabba l-pompi tal-aquarja. Is-sistemi pero joperaw b'vultaġġ baxx u LEDs. Għal xi 9.30pm irċieva notifika fuq it-telefon ċellulari li indikatlu permezz ta' *alarm* li kellu fuq il-post ili kien hemm qtugħ fil-provvista tad-dawl. Huwa telaq minn fejn kien u kif wasal fil-viċinanzi tal-ħanut seta jara' li kien hemm

[14] Fol 123-126

xi nirien mill-ħġieġ tal-faċċata tiegħu. Huwa qabad *fire extinguisher* li kien posizzjonat wara l-bieb u pprova jitfi n-nar. Spjega li n-nar kien ġej mill-arloġġ tad-dawl illi kien hemm installat wara l-ħġieġ li skond hu jidher fir-ritratt esebit fl-atti bħala Dok JP3[15]. Immedjatament ċempel l-għassa tal-pulizija tal-Hamrun li qiegħda kantuniera l-bogħod. Peress li rnexxielu jitfi n-nar ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġu tat-tifi tan-nar iżda laħqu ġew il-Pulizija fuq il-post. Huwa ċempel ukoll lil Elmo Insurance u ħallielhom messaġġ fuq l-*answering machine.* Ċempel lil tal-Enemalta li ġew fuq il-post ftit tal-ħin wara:

> *"Niftakar illi kienu ġewżewġ uffiċjali (isimhom ma nafhomx) wieħed minnhom deher li kien il-foreman. Il-ħaddiem qalli li kien hemm loose connection fil-wire tal-Gvern izda, kif sema' hekk il-foreman qallu biex jidħol lura fil-vann. Dak il-ħin stess installaw arloġġ tad-dawl temporanju... Hekk kif ġie installat l-arloġġ temporanju, saret konnessjoni mal-consumer unit, li għalkemm kienet għadha qed tiffunzjona, minħabba s-sħanat kbar dgħabu xi wires."*

L-għada mar il-ħanut fis-6am u pprova jsalva dak li jista' billi jbiddel l-ilma tal-aquaria. Induna li kien hemm numru kbir ta' ħut u koralli mejtin iżda sab xi ftit ħajjin u għamel l-aħjar li seta' jagħmel sabiex isalvahom. Flimkien mal-ħaddiema tiegħu huwa biddel l-ilma peress illi dan kien kontaminat bin-nugrufun. Ġiet ukoll Anna Marija Felice Pace (*surveyor*) fejn beda juriha l-ħsarat imġarrba. Għal xi 8.30am reġgħu ġew tal-Enemalta sabiex ineħħu l-*meter* temporanju. Huma biddlu l-*cable* tad-dawl minn barra t-triq sa' ġewwa l-ħanut u waħħlu *meter* ġdid. Ix-xogħol tlesta ta' nofsinhar. Dak il-ħin il-ħaddiema ma' tawhx sodisfazzjon ta' x'kien ġara. Fl-istess jum huwa mar jagħmel rapport formali għand il-Pulizija.

Ir-rikorrent finalment ikkonferma r-ritratti esebiti bħala Dok JP3, il-*claim form* esebita bħala Dok JP4, l-*invoices* li kien ipprovda lill-kumpanija rikorrenti sabiex jiddokumenta d-danni sofferti minnu bħala Dok JP6 u Dok JP9 li huwa d-*discharge and subrogation form.* Ikkonferma ukoll illi tħallas is-somma ta' €12,979.10 mill-kumpanija rikorrenti u li hu ħallas l-*excess* ta' € 115.

4. Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020 xehed **PS 991 Alexander Gauci** [16]. Dan spjega kif fit-28 ta' April 2017 (recte: dan kien żball evidenti tax-xhud peress li fir-rapport hemm indikat li dan ġie magħmul fid-29 ta' April 2017) kien irrapporta r-rikorrent li

[15] Fol 18
[16] Fol 145

ried jagħmel rapport għall-finijiet tal-assigurazzjoni fuq incident li kien seħħ ġewwa l-ħanut tiegħu. Ix-xhud ta' rendikont ta' dak li kien ġie rrappurtat il-Pulizija kif evidenzjat fil-kopja tar-rapport esebita minnu bħala Dok PC1[17] . Ix-xhud ikkonferma illi ftit ħin wara li r-rikorrent mar jagħmel ir-rapport l-Għassa, huwa rrikorra fuq il-post sabiex jara b'għajnejh. Huwa kkonferma li l-ħsara kienet saret. Kien għad hemm traċċi tal-ħruq u kien hemm l-aquariums li kellhom il-ħut mejta. Wara l-*ismart meter* u l-*consumer box*, li kienu hekk kif tidħol ġol-ħanut fuq in- naħa tax-xellug kien hemm il-forma tal-ħruq. Ma' sar l-ebda kuntatt mill-Pulizija mal-Enemalta. Ir-rikorrent bagħat rendikont lill-Pulizija tad-danni li kien sofra u f'dan ir-rigward qalilhom illi tilef madwar erba' mitt *livestock* tal-ħut u tletin oġġett inkluż LEDs, pompi tal-ilma u *transformers*[18].

5. L-Inġinier **<u>John Tonna,</u>** inġinier mal-Enemalta li jaħdem fis-sezzjoni tal-*ismart meters,* xehed l-ewwel darba f'din il-kawża fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021[19]. Huwa spjega illi l-i*smart meter* ġie ttestjat darbtejn. Darba fl-2017 u darb' oħra ftit qabel ma' xehed. Il-*meter* inġieb fis-sezzjoni tal-ittestjar l-ewwel darba fl-2017 u ġie ċċekkjat min-nies tiegħu fil-presenza tiegħu u imbagħad reġa ngħalaq f'kamra fejn jinżammu l-affarijiet pendenti qabel ma' reġa ġie ttestjat ġimgħa qabel ma' xehed. It-test, li sar permezz tal-komputer, kien intiż sabiex jaraw jekk kienx jista' jinxtegħel jew le. Irriżulta illi d-darbtejn li ġie ttestjat l-arloġġ kien qed jaħdem. Ittieħdu xi ritratt ukoll tal-*meter* u dan meta ġie ttestjat għat-tieni darba. Ix-xhud spjega li huwa ma' ċċekkjax jekk kienx hemm ħruq jew le u li qatt ma' mar fuq il-post tal-inċident.

6. L-istess xhud **<u>John Tonna</u>** reġa xehed, fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2021, fejn ippreżenta *test report* li sar fuq il-*meter* in kwistjoni fl-14 ta' Lulju 2017 (Dok JT1[20]). Dan ir-rapport wera illi l-*meter* kien jixgħel imma l-*components* elettroniċi tiegħu kienu telqu. Il-kurrent elettriku xorta kien jgħaddi minn ġo fih għalkemm ma' kienx jirreġistrah d-*display* diġitali. Ix-xhud insista illi l-ħruq kien seħħ minħabba xi ħaġa li ġiet iġġeneratha fil-post ta' madwaru. F'dan ir-rigward huwa esebixxa ritratt li ttieħed

---

[17] Fol 140-142
[18] Fol. 146
[19] Fol 150-154
[20] Fol 173

min-nies tiegħu l-għada tal-inċident, ċioe fil-ġurnata tad-29 ta' April 2017 (Dok JT2[21]) meta marru biex jibdlu l-*meter*.

7. Meta xehed it-tielet darba, fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2021[22], l-Inġinier **John Tonna** kkjarifika illi meta ġie ttestjat il-*meter* filwaqt li rriżulta illi l-*components* tiegħu ma' ħadmux, madanakollu bħala kurrent baqa' għaddej minnu u d-*display* baqgħet mixgħula. Il-*meter* kien imxawwat minn naħa waħda. Ix-xhud personalment ġibed ritratti tal-*meter* waqt li kien qed jiġi ttestjat u ppreżentahom bħala Dok JTX.[23] Il-*meter* in kwistjoni għandu numru li jispiċċa 16248544. Ix-xhud ippreżenta ukoll dokument (Dok JTX2[24]) li juri l-istorja ta' x'kien hemm fil-fond in kwistjoni bħala *meters*. Dan id-dokument juri illi fid-29 ta' April 2017 il-*meter* bin-numru 14I4E5Q2116248544 ġie mibdul bil-*meter* li jġorr in-numru 14I4E5Q2116252681

   Skond ix-xhud ir-ritratti juru illi t-tixwit qiegħed fuq il-kantuniera tal-*meter*. Fl-aħħar ritratt hemm evidenza illi l-*meter* ma' kellux ħruq minn ġewwa u li kellu kien biss nugrufun li daħal mill-ambjent, ċioe minn ħruq li kien hemm fil-viċinanza. Fir-rigward tar-ritratti li ġew esebiti mix-xhud fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2017 bħala Dok JT2[25] ix-xhud spjega li minn dan jidher li meta marru tal-*Customer Response Team* fuq il-post huma mexxew is-*service box* 'l isfel mill-*meter* u qabbdu minn ġos-*service box* biex taw id-dawl temporanjament lill-konsumatur.

8. Fil-31 ta' Mejju 2021 xehed **Karl Cilia**, il-*head* tal-*Customer Response Team* tal-Enemalta[26]. Fiż-żmien tal-inċident huwa ma' kienx jokkupa din il-kariga. Ix-xhud esebixxa dokument (Dok KC1[27]) li juri li l-Enemalta rċeviet notifika mill-klijent dwar l-inċident permezz tat- telefon fid-9.12pm tat-28 ta' April 2017. Immedjatament l-Enemalta bagħtet in-nies tagħha fuq il-post li kkonfermaw illi l-*meter* kien għadu jaħdem. In-nies tfew is-*supply* u ħallew l-elettriku lill-klijent. Meta raw li periklu ma' kienx hemm min-naħa tal-provvista tad-dawl, huma qalgħu l-*meter* maħruq u biddlu b'ieħor temporanju. Il-*meter* inqala' biss peress illi kien maħruq pero dan

[21] Fol 174
[22] Fol 189-203
[23] Fol 199-202
[24] Fol 203
[25] Fol 174
[26] Fol 161-169
[27] Fol 170

internament xorta kien għadu jaħdem. Il-persuna li kienet fuq il-post min-naħa tal-Enemalta kien ċertu Kevin Magro (u sussegwentement mix-xhieda ta' dan rriżulta illi kien mar ma' ċertu Carmel Bugeja u Joseph Sultana). Ix-xhud ippreżenta ukoll Dok KC2[28] li juri illi l-għada, 29 ta' April 2017, marru nies oħra tal-*Enemalta* illi biddlu l-*meter* temporanju għal *smart meter* ġdid. Ġie ppreżentat ukoll Dok KC3[29] li huwa *incident report* li ġie kkreat fit-8 ta' Mejju 2019 wara li tkun saret *claim*. Dan huwa rapport li sar mill-inġinier tal-Enemalta, Inġinier Martin Micallef, fejn ikkonkluda illi l-*claim* ma' kienetx waħda ġustifikata peress illi l-ebda *technical officer* jew persuna kompetenti ma' kienet marret fuq il-post tal-inċident sabiex tistabbilixxi il-kawża tan-nirien. Isfel nett tar-rapport saret ukoll nota mill-*manager* reponsabbli mis-*section,* l-Inġinier John Zammit, fejn ingħad li għalkemm il-*meter* deher maħruq madanakollu dan xorta baqa' jaħdem meta ġie ttestjat u ma' kien hemm l-ebda evidenza li n-nirien bdew mill-*meter*. Tniżżel ukoll fl-istess nota illi n-nar seta' beda mid-*distribution box* tal-klijent. F'dan ir-rigward ix-xhud spjega ukoll illi meta l-ħaddiema tal-Enemalta rrikorrew fuq il-post tal-inċident l-ewwel darba huma raw li ma' kienx hemm problema min-naħa tal-Enemalta u għalhekk ma' kienux sejjħu għall-għajnuna ta' xi *technical officer.*

9. Fis-6 ta' Diċembru 2021 xehed **Kevin Magro** li kien mar fuq il-post tal-inċident fit-28 ta' April filgħaxija flimkien ma' Carmel Bugeja u Joseph Sultana [30]. Xogħlu kien li jassisti u jipprovdi servizz t'emerġenza f'każijiet ta' ħruq u qtugħ ta' dawl. Bħala prassi spjega illi f'ċirkustanzi ta' ħruq huwa l-ewwel imur fuq il-*meter* tal-Enemalta biex jara li kollox sew u jekk ikun hemm bżonn ineħħi xi ħaġa. Milli ra fuq il-post kien jidher li l-*meter* kien diġa mitfi. Kien hemm preżenti l-*electrician* tal-klijent li kien qed ineħħi l-*wires* maħruqin biex iqabbad *extension* biex tal-Enemalta jerġgħu jagħtu d-dawl malajr kemm jista' jkun. Il-*meter* innifsu ma' kellu xejn u kull ma' kellu kien tixwit mal-ġenb. Madanakollu huwa ma' ħax sogru jerġa jixgħelu u allura waħħal *meter* temporanju u ċaqlaq is-*service box* tal-klijent taħt il-*meter* temporanju sabiex tinġib provvista temporanja tal-elettriku mill-*power station.* Ix-xhud ikkonferma li r-ritratti a fol 18 (Dok JP3) juru dak li kien ra fuq il-post. Ikkonferma ukoll illi s-*service box* ma' kien ġralu xejn u lanqas il-*meter* għajr li kien imxawwat mill-ġenb.

---

[28] Fol 171
[29] Fol 172
[30] 182-188

10. Meta xehed l-istess xhud **Kevin Magro** fil-21 ta' Frar 2022 huwa ikkonferma illi dak li ġie esebit a fol 170 (Dok KC1) u spjega l-mod kif sar ir-rapport intern (Fault Report) mill-*operator* Godwin Micallef. Dan mhuwiex persuna teknika u xogħlu huwa li jikteb dak li jkunu kkostataw il-persuni tekniċi. F'dan il-każ dak li kiteb l-*operator* kien riflessjoni ta' dak li kien qallu x-xhud fuq it-telefon.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

11. L-artikoli tal-liġi li huma applikabbli għall-każ li għandha quddiema l-Qorti huma dawk li jirrigwardaw id-delitti u li jinsabu fl-Artikolu 1029 *et. seq.* tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) fosthom:

> **1029. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.**
>
> **1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.**
>
> **1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.**
>
> **1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.**
>
> **1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib ...**

12. Il-kumpanija intimata Enemalta plc hija ai termini tal-Art. 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.34 (Ir-Regolamenti dwar l-Elettriku) maħtura bħala l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni f'Malta. Bħala tali hija responsabbli *inter alia* ai termini tal-Art. 36(1)(c) tal-istess Regolamenti illi tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista permezz ta' kapaċità ta' trażmissjoni adegwata u affidabbli tas-sistema. Is-sigurta'

tal-provvista tal-elettriku tinkludi mhux biss is-sigurtà tal-provvista u l-forniment tal-elettriku iżda ukoll is-sikurezza teknika ("technical safety").

13. L-Enemalta plc hija responsabbli ukoll ai termini tal-ewwel artikolu tat-Tieni Skeda taħt l-istess Regolamenti għall-introduzzjoni u twaħħil tal-i*smart metering systems* f'pajjiżna u dan skond standards Ewropej u rekwiżiti oħra li joħorġu mill-liġi li jirregolaw *inter alia* is-sigurta tal-istess *meters*.

14. Il-kumpanija intimata hija obbligata ukoll ai termini tal-Art. 29 tal-istess Regolamenti li tipprepara, iżżomm aġġornat u tippubblika "kodiċi tan-netwerk" li jkun soġġett għall-approvazzjoni tar-Regolatur. Din in-*Network Code* għandha tinkludi *inter alia* r-regoli operattivi minimi u l-obbligi dwar is-sigurtà tan-netwerk u ċ-ċirkostanzi prevedibbli li fihom għandha tinżamm is-sigurtà.

15. Skond in-*Network Code* approvata mir-Regolatur f'Ottubru 2013, taħt l-intestatura DCC Distribution Connection Conditions u preċiżament taħt id-*DCC 5.2 Ownership boundaries* hemm provvdut *inter alia* illi:

> **DCC 5.2.1 The point or points at which supply is given or taken between the distribution system and the user's installation shall be the terminals of the user's incoming/outgoing switchgear. The metering point where incoming or outgoing active and/or reactive energy is metered shall also be the incoming/outgoing terminals of the user's switchgear which are connected to the distribution system, except that in the case of transformer(s) supplying only 1 customer at low voltage, the meter shall be installed at the high voltage side of the distribution transformer(s).**
>
> **DCC 5.2.2 Enemalta's responsibility extends up to the end of the connecting cable or cables from the network which is/are terminated by Enemalta on the user's switchgear.**
>
> **DCC 5.2.3 Metering equipment will be supplied, owned and installed by Enemalta as close as technically and practically possible to the user's incoming/outgoing switchgear terminals ...**
>
> **DCC 5.3.2 When a user takes over a connection at medium voltage he must appoint a warranted electrical engineer to take responsibility for the medium voltage installation on his behalf.**

**Kunsiderazzjonijiet fattwali**

16. Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija għar-risarċiment tad-danni sofferti **b'konsegwenza ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku** supplita mill-kumpanija intimata, liema qtugħ wassal sabiex żviluppa nar fil-fond tar-rikorrent.

17. Bil-mod kif ġiet kondotta l-kawża mir-rikorrenti pero (xi ħaġa li tirriżulta min-natura tal-mistoqsijiet li saru lix-xhieda fil-kors tal-kawża) huwa ċar illi t-teżi tagħhom hija illi n-nar żviluppa fl-i*smart meter* b'mod illi dan imbagħad inxtered għall-bqija tal-ħanut. Fl-ebda stadju ma' tressqet xi prova, jew ma' kien hemm tentattiv sabiex titressaq prova, dwar xi qtugħ fil-provvista tad-dawl li wassal għal xi ħruq.

18. Ċio nonostante din il-Qorti għandha d-diskrezzjoni illi ai termini tal-Art. 213 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li ma' tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor (għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali) tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat. Dan ifisser allura illi jekk mill-provi jirriżulta lill-Qorti illi **għad illi ma' kienx hemm qtugħ ta' provvista tad-dawl li wassal għan-nirien**, seħħet xi ħaġa b'tort tal-kumpanija intimata u li wassal għan-nirien in kwistjoni, allura l-Qorti għandha l-fakolta' illi tillikwida d-danni u tikkundanna lill-intimata tħallashom bħala kumpens lir-rikorrenti.

19. Il-posizzjonijiet rispettivi tal-partijiet huma dijametrikament opposti minn xulxin: dik tar-rikorrenti hija illi n-nirien bdew mill-*meter* tad-dawl filwaqt li dik tal-intimata hija illi l-nar beda minn post viċin il-*meter* u li ma' kienx taħt il-kontroll jew proprjeta' tal-intimata.

20. Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti stqarret illi mill-provi rriżulta illi ma' kien hemm xejn fil-ħanut jew fil-madwar tal-*meter* li seta' ħa n-nar u li dan beda mill-*meter* innifsu tant illi l-Enemalta ħadu l-briga li jbiddluh u jissostitwuh b'wieħed ġdid. Inoltre qalet illi l-Enemalta hija l-provditur tas-servizz tal-elettriku u l-klijent m'għandu l-ebda kontroll fuq kif jieħu din il-provvista.

21. Min-naħa tagħha l-abbli avukat difensur tal-intimata rreferit għal dak li xehed l-Inġinier John Tonna fir-rigward tal-ittestjar tal-*meter* u ċioe illi l-istess *meter* instab li għadu jixgħel u jiffunzjona, li l-kurrent seta' jgħaddi minnu u li t-tixwit li kellu mal-

ġenb tiegħu jindika li l-kawża tal-ħruq kienet xi ħaġa viċin tiegħu u li n-nar ma' bediex minnu.

22. Fir-rigward tax-xhieda mressqa mill-intimata, l-Qorti tqis ta' importanza mhux żgħira l-fatt illi l-*meter* baqa' jiffunzjona (minkejja illi l-*components* elettroniċi tiegħu kienu telqu) flimkien mal-fatt illi l-ħruq jidher li kien ikkonċentrat fuq naħa waħda tiegħu minn barra. Għall-argument tar-rikorrenti illi l-Enemalta biddlet il-*meter* għaliex kienet taf illi l-ħsara ġejja minnu, ix-xhud Karl Cilia insista illi l-*meter* kien jaħdem u li nbidel biss minħabba li minn barra kellu t-tixwit. Ix-xhud Kevin Magro li kien fuq il-post tal-inċident ikkonferma li l-*meter* ma' kellux ħsara internament u lanqas ma' kellha l-ħsara *s-service box*.

23. Il-Qorti qieset ukoll f'ċertu dettal il-verżjoni tar-rikorrent Sciberras, kemm dik mogħtija fl-*affidavit* tiegħu, kemm dik mogħtija lill-Pulizija Eżekuttiva u kif ukoll dik mogħtija lill-kumpanija rikorrenti fil-formola tal-*claim.*

    Fl-affidavit tiegħu huwa sostna illi n-nar kien ġej mill-*meter,* xi ħaġa li skond hu toħroġ mir-ritratti esebiti bħala Dok JP3 (fol 18). Qal ukoll illi wieħed mill-ħaddiema tal-Enemalta li marru fuq il-post qallu li kien hemm *loose connection* fil-wire tal-Gvern u li pero dan ġie msikket mill-*foreman* li kien preżenti li qallu biex jidħol lura fil-vann.

    Fl-istqarrija li ta lill-Pulizija l-għada tal-inċident (għal xi s-sebgħa ta' filogħdu) huwa qal fost oħrajn illi ra n-nar ħiereġ minn wara l-*meter* u minn wara l-*consumer box*.[31]

    Fid-dikjarazzjoni li għamel bil-miktub fil-formola tal-*claim*[32] huwa qal fost oħrajn illi: *"the fire was on the wall down on the shelving where I had some stock".* Għal xi raġuni jew oħra f'din id-dikjarazzjoni ma' indikax li kien ra n-nar minn wara l-*meter.*

24. Il-Qorti qieset ukoll xi ħaġa li ma' ġietx issenjalata mir-rikorrent Sciberras fl-*affidavit* tiegħu, iżda li xehdu fuqha kemm Karl Cilia u kif ukoll Kevin Magro (rappreżentanti l-Enemalta plc) u ċioe l-fatt illi preżenti mar-rikorrenti fuq il-post kien hemm l-

[31] Fol 141
[32] Fol 23

*electrician* tiegħu. Filfatt l-ħaddiema meta marru fuq il-post sabu li l-*electrician* kien diġa hemm jneħħi l-*wires* maħruqin u wara li lestew xogħolhom dan kienu ħallewh hemm. Ir-rikorrenti ma’ ressqux lil dan il-persuna bħal xhud u l-Qorti tifhem illi dan bħala persuna kompetenti fl-elettriku seta xeħet dawl (b’mod metaforiku!) fuq il-kawża tan-nirien u allura kellu jkun xhud importanti fuq il-materja in kwistjoni.

25. Fil-fehma tal-Qorti, il-kompitu tar-rikorrenti f’din il-kawża ma’ kien xejn faċli għaliex huma kellhom minimament jippruvaw illi n-nirien bdew minn xi oġġett proprjeta’ tal-Enemalta (bħal pereżempju l-*meter* jew is-*service box*). Anke li kieku seħħilhom jagħmlu dan, ir-rikorrenti kienu jkunu imbagħad tenuti jippruvaw illi n-nirien ma’ bdewx b’mod aċċidentali jew b’xi forza maġġuri (f’liema każ l-ħsara ibatiha r-rikorrent) iżda b’kawża ta’ xi malfunzjoni tal-proprjeta’ tal-Enemalta jew fil-provvista tal-elettriku.

26. Il-Qorti tħoss pero illi r-rikorrenti nfushom ma’ tantx għenu lilhom nfushom f’dan il-kompitu diffiċli li kellhom. Kien jinkombi fuqhom illi mill-bidu nett jottjenu parir tekniku ta’ persuna professjonali u kompetenti f’xogħolha dwar dak li seta’ jkun il-kawża tal-inċident. Dan seta jsir anke wara li tneħħa l-*meter* in kwistjoni mill-ħaddiema tal-Enemalta billi jekk hemm bżonn jinterpellawha tagħmel il-*meter* disponibbli sabiex jiġi analizzat mill-esperti tagħhom. Il-Qorti tqis indikattiv ukoll il-fatt illi l-*electrician* tar-rikorrent ma’ ttellax jixhed fuq dak li kien ra b’għajnejh ftit ħin biss wara tal-inċident. Fl-aħħar u mhux l-inqas, lanqas ma’ tista tinjora l-Qorti l-verżjoni li ta r-rikorrent lill-kumpanija tal-assigurazzjoni fil-*claim form* u ċioe illi n-nirien kienu *“on the wall down on the shelving where I had some stock”.*

27. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqies illi l-probabilta’ illi n-nirien bdew minn sors li ma’ kienx taħt il-kontroll tal-Enemalta (bħal pereżempju mill-*consumer unit* illi huwa proprjeta’ tal-konsumatur, minn xi *transformers* li kellu r-rikorrent, jew inkella minn xi *stock* li seta kellu fuq l-ixkaffar viċin il-*meter*) hija daqs jekk mhux addirittura iżjed mill-probabilta’ illi dawn bdew mill-*meter* jew mis-*service box* (entrambi proprjeta tal-Enemalta).

28. Għalhekk il-Qorti tiċħad il-premessa tar-rikorrenti illi l-inċident seħħ b’kawża ta’ imprudenza, imperizja, negligenza jew inosservanza tar-regolamenti mill-kumpanija intimata u dan ifisser li l-Qorti ma’ tistax ħlief tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

29. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa l-eċċezzjoni tal-kumpanija intimata u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti billi ma' ġiex ippruvat illi l-istess kumpanija intimata kienet responsabbli għad-danni sofferti minnhom.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |